MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 188/2009

**GO P.L.C.**
**(C22334)**

**Vs**

**Anthony Dowling (I.D. Card Nru. 428059M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf mija sebgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,127.24) dovuta in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21584865, 21584866 u 21576887 (CN 1022696 AC 10208311 u 10208312); bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra il-konvenut.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u l-istess konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu lilu prefiss mil-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza fosthom id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici bhala Doks. A sa' E a fol. 2 sa' 17 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija sebgha u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,127.24), bl-imghax legali dekoribbli mid-9 ta' Marzu 2009, id-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-Talba, sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------